# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 29 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 169/ 13RGM

Kawza fil-lista: 5

**X F**
**vs**
**Direttur Registru Pubbliku;**
**S W; u**
**B'digriet tas-6 ta' Novembru 2013 S W giet konfermata bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lill-minuri P W**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi fl-10 ta' Jannar 2013 twieldet P W kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid.

2. Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid it-tifla minuri imsemmija hija mnizzla bhala wild ta' missier mhux maghruf.

3. Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri imsemmija huwa l-attur.

4. Illi l-attur kien ipproceda b'ittra ufficjali skont il-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kodici Civili pero' l-konvenuta S W naqset illi tirrispondi biex turi l-kunsens taghha biex l-attur jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali.

Jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

i) Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-missier naturali tal-konvenuta minuri P W huwa l-attur.

ii) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri P W billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub "missier mhux maghruf" jitnizziu d-dettalji ta' l-attur u cioe "X F"; fejn hemm miktub il-professjoni ta' missier it-tarbija, jitnizzel "impjegat"; fejn hemm miktub fejn twieled, jitnizzel "Pieta' Malta"; fejn hemm miktub fejn joqghod, jitnizzel "Zurrieq Malta"; u fejn hemm miktub "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija) jitnizzel X F (alive).

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra' kif gej:-

1. Illi prelminarjament l-esponenet jirrileva li l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistghax tigi milqugha stante li qed tirreferi ghal certu Maya Calleja. Pero din il-kawza tidher li hija dwar il-paternita tal-minuri P W u mhux ta' Maya Calleja ghalhekk it-talba kif inhi mijiex tajba.

2. Illi bla pregudizzju l-esponent jistqarr li hu m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkernm f'dan l-ambitu 1-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-partijiet koncernati jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta S W proprio et nomine li taqra kif gej:-

1. Illi primarjament, u dan kif jirrizulta mil-kopji tad-dokumenti hawn annessi markati Dok DM 1 sa Dok DM 4 1-esponenti S W qatt ma negat il-fatt illi r-rikorrenti huwa attwalment missier il-minuri P W ghal liema raguni l-esponenti ma ghandha tbati l-ebda spiza in konnessjoni ma dawn il-proceduri.

2. Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju, r-rikorrenti ghandu jindika billi jiddeskrivi x'inhu it-tip ta mpjieg li hu ghandu u anke ghandu jindika l-indirizz shih ta fejn jabita u mhux semplicement Zurrieq Malta.

3. Illi kif ser jigi mitlub fil-kontro talba ma’ din l-azzjoni, r-rikorrenti ghandu wkoll jassumi r-responsabilita ta’ missier naturali u jipprovdi manteniment adekwat a favur t-trobbija ta’ l-istess minuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta S W pro et noe li taqra kif gej:

1. Illi in segwitu ghal relazzjoni bejn il-kontendenti twieldet il-minuri P W nhar l-10 ta' Jannar 2013 u dan kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat immarkat bhala Dok mar-rikors promotur.

2. Illi tul il-gravidanza kollha l-intimat rikonvenzjonat la assista u lanqas ried jirrikonoxxi lit-tarbija li kienet gejja fid-dinja u dan kif jista` jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

3. Illi nonostante dan kollu, meta l-intimat rikonvenzjonat wera interess fil-minuri permezz ta' ittri gudizzjarji u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok DM1 sa DM4, l-esponenti qatt ma nnegat li r-rikorrenti kien missier il-minuri.

4. Illi nonostante dan, l-intimat rekonvenzjonat naqas u ghadu qed jonqos milli jipprovdi manteniment adegwat versu t-trobbija tal-minuri.

5. Illi ghaldaqstant, una volta l-intimat rikonvenzjonant qieghed jitlob li jigi rikonoxxut bhala l-missier naturali, liema talba hix qeghdha tigi opposta, huwa ghandu jerfa` r-responsabbilta` bhala missier naturali u jipprovdi manteniment adegwat ghat-trobbija tal-minuri li ma ghandux ikun wiehed biss ghar-rigward ta' l-ikel ta' kuljum izda ghandu jkun ikopri sew il-hwejjeg, medicina u anke l-edukazzjoni ta' l-istess minuri.

6. Illi l-intimat rikonvenzjonat, ghalkemm debitament mitlub jaghmel dan, baqa` inadempjenti.

Jghid ghalhekk l-intimat rikonvenzjonat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Prevja kwalunkwe necessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, tiffissa retta alimentarja ghal minuri li ghandha tkun tali li tkopri alimenti u dawk l-ispejjez l-ohra kollha relatati mat-trobbija tal-minuri retroposta ghad-data tat-twelid tal-minuri u cioe` l-10 ta' Jannar 2013, liema retta alimentarja tkun revedibbli (a) kull sena skont l-indici ghal gholi tal-hajja u (b) anke appena l-istess minuri tibda tattendi l-iskola u dan f'dik is-somma li dina l-Qorti jidhrilha gusta u ekwa.

2. Tordna u tikkundanna lill-intimat rikonvenzjonant sabiex ihallas lill-istanti r-retta alimentarja hekk stabbilita u billi l-istess retta alimentarja tinqata` direttament mill-paga tal-intimat rikonvenzjonant u s-sid tax-xoghol ta' X F jkun ordnat jaderixxi mal-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti u jiddepozita l-istess f'kont bankarju li jigi ndikat mill-esponenti rikonvenzjonata u dan skond dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat li l-attur rikonvenzjonat ma wegibx ghall-kontro-talba tal-konvenuta pro et noe.

Rat in-nota tal-konvenuta pro et noe datata 8 ta' Ottubru 2014, li permezz taghha ipprezentata ic-certifikat tat-twelid tal-minuri bl-annotazzjonijiet relattivi (fol 51-52).

Rat in-nota ta' cessjoni tal-attur li permezz taghha ceda l-kawza stante li l-minuri m'ghadhiex aktar bint missier mhux maghruf izda l-att tat-twelid jaqra 'X F' bhala missier il-minuri.

Rat l-affidavit tal-konvenuta S W a fol 95 et seq.

Semghet ix-xhieda ta' X F waqt l-udjenza tat-8 ta' Marzu 2016.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu il-Qorti ordnat illi b'effett minn dak in nhar l-access tal-missier versu il-minuri jkun nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha bejn l-4.00pm u s-6.00pm liema access ikun ezercitat b'supervizjoni gewwa l-bini tal-Agenzija Appogg. Il-Qorti ordnat illi waqt il-hin tal-access sewwa l-omm kif ukoll membri tal-familja taghha ma ghandhomx jibqghu fil-vicinanzi tal-beni tal-Agenzija Appogg u jzommu distanza ta' mhux anqas minn 500 metru.

Rat in-nota flimkien ma' zewg dokumenti pprezentata minn S W fit-8 ta' Marzu 2013 (fol 121).

Rat illi waqt l-udjenza tal-10 ta' Mejju 2016, id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie estromess mill-kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu ipprovdiet dwar ir-rikors ta' S W tat-22 ta' April 2016 bil-mod segwenti: [1] Awtorizzat lil S W sabiex wahedha u a spejjez taghha titlob il-hrug ta' passaport ghall-minuri P F [2] awtorizzat lill-minuri ssiefer ma' ommha fil-jum tad-9 ta' Gunju 2016 b'dan illi safar futur tal-minuri ghandu jsir jew bi ftehim, bil-miktub jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti [3] ordnat li b'effett immedjat il-missier jezercita access supervizjonat barra l-bini tal-Agenzija Appogg b'dan illi l-access jibda u jispicca fl-Agenzija Appogg bl-ordni li l-omm u l-familjari taghha jzommu distanza ta' mhux anqas minn 500 metru minn fejn ikun qed jigi ezercitat l-access u dan ghal zmien xahar [4] ordnat li wara li jiskadi xahar millum l-access tal-missier versu l-minuri ma jibqax iktar supervizjonat mill-Agenzija Appogg izda jkun monitored mill-istess Agenzija sakemm il-Qorti ma tipprovdix mod iehor.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu, wara r-rikors ta' S W tas-17 ta' Mejju 2016, ipprovdiet billi ordnat lil X F jhallas lil S W bhala manteniment pendente lite ghall-minuri P s-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar li jinkludu l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha, u dan b'effett mis-17 ta' Mejju 2016, liema manteniment jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, u ordnat ukoll li l-hlas tal-manteniment jghaddi direttament gewwa l-kont bankarju ta' S W kif minnha mitlub.

Semghet ix-xhieda tas-social worker Charmaine Scicluna waqt l-udjenza tal-25 ta' Ottubru 2016.

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet ipprezentat fil-21 ta' Novembru 2016 u l-abbozz ta' kuntratt.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu awtorizzat il-publikazzjoni tal-kuntratt ta' ftehim dwar il-minuri bejn il-partijiet u lin-Nutar Dr Josef Masini Vento sabiex jirtira l-istess ghal finijiet tal-pubblikazzjoni.

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2017, il-Qorti giet infurmata li l-kuntratt ta' ftehim bejn il-partijiet gie ppubblikat.

Rat li waqt l-istess udjenza l-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejniethom, b'dan illi l-ispejjez tad-Direttur ghandhom jinqasmu bejn l-attur F u l-konvenuta S W.

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar 2017 id-difensur tal-konvenuta W ddikjarat li m'ghandhiex oggezzjoni illi l-ispejjez tal-kawza jinqasmu bin-nofs u cioe` illi l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jinqasmu nofs bin-nofs u l-attur X F jhallas l-ispejjez tieghu u l-konvenuta S W thallas l-ispejjez taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija decizjoni limitata dwar il-kap ta’ l-ispejjez u dan peress li fil-mori tal-kawza odjerna, l-attur ceda l-azzjoni principali u l-partijiet lahqu ftehim dwar dak kollu li jikkoncerna lil binthom minuri, u ghalhekk il-mertu tal-azzjoni principali kif ukoll tal-kontro-talba gie ezawrit.

Jonqos biss illi jigi deciz b'liema mod ghandhom jigu supportati l-ispejjez gudizzjarji.

Ezaminati l-fatti specie partikolari ta’ dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma illi jkun gust u ekwu illi l-ispejjez ta’ din il-kawza jigu spartiti billi z-zewg partijiet b'mod indaqs ihallsu l-ispejjez tad-Direttur tar-Registru li gie estromess minn dawn il-proceduri, filwaqt li kull parti tigi akkollata l-ispejjez taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddecidi l-kawza billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu tal-azzjoni u tal-kontro-talba in kwantu l-mertu taghhom gie ezawrit, filwaqt li tordna u tiddeciedi illi l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet hlief dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejniethom.

**Imhallef** **Deputat Registratur**